TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 54/11

**Fr Raphael Pace**

**vs**

**SMS Travel u Orange Travel Limited**

Illum 30 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sitt mitt ewro (€600), rappreżentanti diversi nuqqasijiet li sabu meta marru fuq tour ġewwa l-Eġittu, l-Jordan u Israel.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma bbukjaw vjaġġ lejn l-Eġittu, Jordan u Israel u ndunaw li kien hemm diversi nuqqasijiet fuq dan il-vjaġġ, hekk kontrarjament kif kien reklamat fil-magażin, fosthom servizzi fuq dan il-cruise, kif ukoll ċerta hotels kienu inferjuri, fosthom ħin twil ta' stennija, it-tour ta' Wadi Rum kien inferjuri ħafna minħabba l-mezz ta' transport u li kellhom iħallsu t-tips.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet li kienet lesta li tħallas mija u ħamsa w għoxrin ewro (€125) għal kull persuna għal dawn in-nuqqasijiet, pero' r-rikorrenti m'aċċettawx.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, iħoss illi l-vjaġġ kien wieħed li jidher sodisfaċenti pero' jinnota illi verament kien hemm xi nuqqasijiet u jrid għalhekk jistabilixxi l-ammont jew il-quantum tad-dannu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjetajiet intimati jħallsu l-ammont ta' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€175), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetajiet intimati.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**